**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA TAL-25 TA' JANNAR, 2002.**

**Citazzjoni numru 147/01**

**Flock Hatchers Company Limited**

**Vs.**

**Robbie Debono**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li bih is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi l-konvenut huwa debitur sersu s-socjeta attrici fis-somma ta' elfejn mitejn u sitta u disghin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm2296.22), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' flieles u ghalef lilu konsenjati u mhux imhallsa kif jidher mill0-'invoice' hawn annessa u mmarkata 'Dokument A';

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi biex ihallas, u dan anke permezz ta' l-ittra bonarja datata l6 ta' Jannar, 2001, izda baq' inadempjenti;

Illi l-ammont dovut huwa veru, likwidu u skadut, u fil-fehma tas-socjeta attrici, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet validi x'jopponi kontra t-talbiet attrici;

Talbet ghalhekk lill-konvenut jghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:-

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smiegh a tenur ta' l-artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta); u
2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn mitejn u sitta u disghin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm2296.22), rapprezentanti bilanc

ta' prezz ta' flieles u ghalf lilu konsenjati u mhux imhallsa kif hidher mill-invoice hawn annessa u markata 'Dokument A'.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 16 ta' Jannar, 2001, u bl-imghaxijiet kummercjali, mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sad-data tal-pagement efettiv, kontra l-konvenut li huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta attrici u in-nota tax-xhieda taghha;

Rat li ic-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u naqas li jidher ghas-smiegh tal-kawza u hekk baqa' kontumaci;

Semghet lill-Avukat tas-socjeta attrici;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba attrici tirrizulta pruvata;

Fil-kontuamcja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa it-talba attrici bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra l-konvenut.

**Imhallef**

**Dep. Registratur**